## ATTIVITAJIET – GĦID 2022

## *EASTER ACTIVITES 2022*

**9 t'April, 2022** – L-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali l-Għarb u l-Ministeru għal Għawdex ser itellgħu kunċert ta' Mużika Sagra bl-Isem "Lignum Vitae" ġewwa l-Knisja Bażilika tal-Għarb fis-7.30pm taħt id-direzzjoni tal-Mro Jason Camilleri bis-sehem tal-Orgni. Ibbukja billi tirreġistra fuq il-link: **shorturl.at/joyH7**

***9th April, 2022*** *– Għaqda Mużikali Viżitazzjoni with the collaboration of l-Għarb Local Council and the Ministry for Gozo will organise a Sacred Music concert "Lignum Vitae" at Għarb Parish Church at 7.30pm. This concert will be held under the direction of Mro Jason Camilleri and the church organ. Book by registering on the link:* ***shorturl.at/joyH7***

**10 t'April, 2022** – L-Assoċjazzjoni EspressjonArti Gharb bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali l-Għarb u l-Ministeru għal Għawdex ser jikkrejaw arti effimera bl-isem "Imut biex Isalvana" ġewwa Pjazza taż-Żjara tal-Madonna.

***10th April, 2022*** *– The Association EspressjonArti Gharb with the collaboration of Għarb Local Council and Ministry for Gozo will be creating an Ephemeral Art "Imut biex Isalvana" "He died to save us" in Pjazza taż-Żjara tal-Madonna.*

***18 ta' Marzu – 17 ta' April*** – Il-Kunsill Lokali l-Għarb bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex ser jinstalla Via Crucis "Via Dolorosa" fuq iz-zuntier tal-Knisja ġewwa Pjazza taż-Żjara tal-Madonna.

***18th March – 17th April*** *– L-Gharb Local Council with the collaboration of the Ministry for Gozo will install Via Crucis "Via Dolorosa" on the Church parvis at Pjazza taż-Żjara tal-Madonna.*

**17 ta' April** – Nhar Ħadd il-Għid il-Kunsill Lokali l-Għarb ser iqassam tifkira tal-Għid lit-tfal tal-parroċċa wara l-purċissjoni tal-Irxoxt ġewwa Pjazza taż-Żjara tal-Madonna.

***17th April*** *– On Easter Sunday, l-Gharb Local Council will distribute an Easter token to the locality children after the Risen Christ procession at Pjazza taż-Żjara tal-Madonna.*













**Vol. 11 – Marzu 2022 – No 2** **Fuljett ta' informazzjoni mahrug mill-Kunsill Lokali ta' l-Gharb**

***Vol. 11 – March 2022 – No 2*** ***Information leaflet published by l-Gharb Local Council***

## MEDINEA SESSION GOZO IN GHARB

Medinea Session Gozo huwa kunċert ta' mużika Mediterranja li ser jittella' fil-Pjazza tal-Għarb nhar il-Ħamis 31 ta' Marzu (Festa Nazzjonali) fis-7:30pm. Il-kunċert jitmexxa mis-sassofonista Belġjan ta' fama Fabrizio Cassol bil-parteċipazzjoni ta' disa' mużiċisti żgħażagħ minn madwar il-Mediterran. Il-mużiċisti ser iqattgħu ħmistax-il ġurnata fl-Għarb joħolqu mużika ġdida flimkien bl-użu ta' strumenti tradizzjonali minn pajjiżhom. Aktar informazzjoni dwar il-biljetti tista' tinkiseb billi ċċempel +35699882348 jew tibgħat ittre fuq info@arcrc.eu

Medinea Gozo Session 2022 qed jittella' bis-sapport ta' Medinea u l-programm Erasmus+, hu organizzat minn ARC Research & Consultancy bis-sapport tal-Kunsill Malti għall-Arti, il-Ministeru t'Għawdex, id-Direttorat għall-Wirt Kulturali f'Għawdex, il-Kunsill Lokali tal-Għarb, u l-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni Għarb.

Ritratt: Kunċert tal-Medinea fi Nuoro, l-Italja fl-2019 © Gigi Murru.

*Medinea Session Gozo is a Mediterranean musical concert that will be held at Pjazza taz-Zjara tal-Madonna on Thursday 31st March (Public Holiday) at 7.30pm. This concert will be directed by a famous Belgian saxophonist Fabrizio Cassol with the participation of nine youth musicians from around the Mediterranean. These musicians will spend 15 days in Gharb creating new music with their traditional instruments.*

*More information regarding tickets can be obtained by calling on +35699882348 on by sending an email on info@arcrc.eu*

*Medinea Gozo Session 2022 will be held with the support of Medinea and the Erasmus + program, organised by ARC Research & Consultancy with the support of the Maltese Arts Council, Ministry for Gozo, Gozo Heritage Directorate, l-Gharb Local Council and Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni Gharb.*

*Photo: Medinea Concert in Nuoro, Italy 2019 © Gigi Murru.*




Ikkuntattjana / *Contacts*: **L-Gharb Local Council**
**Indirizz postali / *Postal address*:** L-Gharb Local Council, Visitation Street, L-Gharb, Gozo GRB 1044
**Indirizz tal-emejl / *Email address*:** gharb.lc@gov.mt • **Websajt / *Website*:** www.gharbnet.com
**Cempel servizz 24h / *Telephone 24h service*:** 21560556 • **Facebook:** Gharb Local Council




## RENOVAZZJONI TAL-LIBREIJA LOKALI TAL-GĦARB

Il-Kunsill Lokali l-Għarb ser jibda xogħolijiet ta' renovazzjoni fil-Librerija Lokali tal-Għarb wara li applika u rnexxielu jikseb proġett iffinanzjat mir-Reġjun ta' Għawdex.

## *RENOVATIONS IN THE GHARB BRANCH LIBRARY*

*In the coming days l-Għarb Local Council will be renovating Gharb Branch Library after applying and being awarded funds under a project funded by the Gozo Region.*

---



Il-Kunsill Lokali bħala parti mil-proġett ta' tisbieħ fil-kampanja qiegħed għaddej b'xogħlijiet ta' tisbieħ f'post ġdid ta' rikreazjoni fi triq San Dimitri. Dawn il-postijiet qegħdin jiġu rinovati jew mibdula sabiex inħeġġu aktar nies igawdu dawn il-postijiet qalb in-natura.

*The Local Council as part of the renovation project in the countryside is carrying out renovation works in a new recreational area in San Dimitri street. These places are being renovated or changed to encourage more people to enjoy these places amongst the nature*

## XOGĦOLIJIET FI TRIQ L-ISQOF MIKIEL MOLINA

Fil-jiem li ġejjin il-Kunsill Lokali l-Għarb permezz ta' fondi mill-Ministeru għal Għawdex ser ikun qed iwettaq xogħolijiet ta' tibdil ta' mejnijiet tal-ilma u wiċċ ġdid fi Triq l-Isqof Mikiel Molina.
Il-Kunsill jitlob il-koperazzjoni tar-residenti biex jimxu mas-sinjali tat-traffiku provduti.

## *WORKS IN L-ISQOF MIKIEL MOLINA STREET*

*In the following days l-Għarb Local Council with the collaboration of the Ministry for Gozo will be implementing road works including changes in water mains and resufacing of the road.*
*The Council is requesting the residents' coperation to follow traffic signs provided.*

# AVVIZI – Notice Board

## SEZZJONIJIET TAL-PILATES

Il-Kunsill Lokali l-Għarb ser jorganizza sezzjonijiet tal-Pilates. Dawk kollha interessati huma mħeġġa japplikaw fl-uffiċċju tal-Kunsill jew iċemplu fuq 21560556 sal-Ġimgħa 11 ta' Marzu.

## *PILATES SESSIONS*

*L-Gharb Local Council will be organising Pilates sessions. Those interested are kindly requested to register at the Local Council or by phone on 21560556 by not later than Friday 11th March.*

---

**SKEDA ĠDIDA TAL-ĠBIR TA' SKART GĦAL MATUL IX-XITWA:** Il-Kunsill Lokali jixtieq javża li mill-1 ta' Novembru daħlet fis-seħħ l-iskeda tal-ġbir tal-iskart għal matul ix-xitwa.

***REFUSE COLLECTION DURING WINTER:*** *The Local Council would like to notify that winter schedule of refuse collection was resumed from 1st November.*

